



Lussemburgu, 21 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10514/22

AELE 31
EEE 33
N 48
ISL 23
FL 23
AND 3
MC 3
SM 3
FEROE 10
MI 499

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: MI 463	10062/1/22 REV 1 AELE 30 EEE 32 N 44 ISL 22 FL 22 AND 2 MC 2 SM 2
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Suq Intern imkabbar omoġenju u r-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumix fl-UE u mal-Gżejjer Faeroe

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar suq intern imkabbar omoġenju u r-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumix fl-UE u mal-Gżejjer Faeroe kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fil-21 ta' Ġunju 2022.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR SUQ INTERN IMKABBAR OMOĠENJU U R-RELAZZJONIJIET TAL-UE MA' PAJJIŻI TAL-EWROPA TAL-PUNENT LI MHUMIEX FL-UE U MAL-GŻEJJER FAEROE

1. F'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill ivvaluta l-istat ġenerali tar-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi li ġejjin tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex membri tal-UE: ir-Repubblika tal-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja, il-Prinċipat ta' Andorra, il-Prinċipat ta' Monaco u r-Repubblika ta' San Marino. Il-Kunsill ivvaluta wkoll l-istat tar-relazzjonijiet tal-UE mal-Gżejjer Faeroe bħala pajjiż awtonomu fir-Renju tad-Danimarka u li għalih ma japplikawx it-trattati tal-UE.
2. Wara l-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Frar 2019, il-Kunsill ser jerġa' jikkunsidra l-istat ġenerali tar-relazzjonijiet tal-UE mal-Konfederazzjoni Żvizzera.
3. Il-Kunsill ser jivvaluta mill-ġdid l-istat ta' dawn ir-relazzjonijiet sentejn oħra, kif adatt.

IL-ĠIRIEN TAL-UNJONI EWROPEA MILL-EWROPA TAL-PUNENT

4. Il-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex fl-UE huma s-sħab l-aktar qrib tal-UE fil-bini ta' Ewropa aktar b'saħħitha, ekoloġika, sigura, kompetittiva u prospera. Il-Kunsill ifakkar il-valur u l-importanza li l-UE tagħti lir-relazzjonijiet ma' dawn is-sħab speċjali kollha tal-istess fehma li huma integrati ħafna mal-UE. Il-kooperazzjoni fit-tul tagħna hija bbażata fuq valuri u interessi fundamentali kondiviżi u mirfuda mill-wirt kulturali u l-istorja komuni tagħna, kif ukoll rabtiet kulturali u ġeografiċi b'saħħithom.
5. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tal-għaqda fir-rigward tal-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Huwa jfaħħar l-allinjament tal-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja mad-dikjarazzjonijiet u l-miżuri restrittivi tal-UE kontra l-Federazzjoni Russa. Il-Kunsill jilqa' d-deċiżjonijiet meħuda minn Andorra, Monaco u San Marino, kif ukoll il-Gżejjer Faeroe, biex jimplimentaw miżuri restrittivi ekwivalenti. Huwa jesprimi wkoll apprezzament għal azzjonijiet oħra f'konformità mal-UE u l-Istati Membri tagħha kontra l-aggressjoni militari mill-Federazzjoni Russa, inkluż fil-fora multilaterali.

6. L-integrazzjoni ekonomika fil-qafas tas-Suq Intern imkabbar tal-UE tgħaqqadna saħansitra aktar u tinkwadra l-interdipendenza tal-prosperità u l-kompetittività futuri tagħna. Fl-aħħar erba' snin, ir-relazzjonijiet mill-qrib tagħna ssaħħu aktar permezz ta' għadd ta' inizjattivi f'firxa wiesgħa ta' oqsma strateġiċi.
7. Il-Kunsill itenni li s-saħħa tal-integrazzjoni ekonomika tagħna tiddependi mir-rispett sħiħ tal-erba' libertajiet tas-Suq Intern. Għaldaqstant hija r-responsabbiltà tal-Istati kollha li qed jipparteċipaw diġà jew li jixtiequ jżidu l-livell tal-parteeipazzjoni tagħhom fis-suq intern imkabbar li jiżguraw l-integrità u l-omoġeneità tiegħu, kif ukoll ir-rispett sħiħ tad-drittijiet u l-obbligi ugwali kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għan-negozji.
8. Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat il-ħtieġa u l-vantaġġi tal-għaqda u l-indirizzar ta' sfidi komuni flimkien. Is-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, użata mill-Istati taż-ŻEE-EFTA u, wara l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' ekwivalenza, minn Andorra, Monaco, u San Marino, kif ukoll il-Gżejjer Faeroe, iffaċilitat b'suċċess l-ivvjaġġar transfruntier. Il-livell għoli ta' integrazzjoni permezz tal-Ftehim ŻEE jipprovdi għal għodod eċċellenti biex nindirizzaw dawn l-isfidi b'mod konġunt mal-Istati taż-ŻEE-EFTA. Sfidi ulterjuri kkawżati mill-pandemija jeħtieġu Suq Intern li jiffunzjona tajjeb, inkluż is-Suq Uniku Diġitali, u investimenti b'saħħithom f'setturi industrijali ewlenin, li ser ikunu essenzjali għas-sostenn tal-irkupru ekonomiku. Ma' Andorra, Monaco u San Marino, il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat il-ħtieġa għal aktar integrazzjoni. Il-Kunsill jilqa' l-parteeipazzjoni ta' Andorra, Monaco u San Marino fil-Kumitat tal-UE għas-Sigurtà tas-Saħħa u jappoġġa l-parteeipazzjoni fi Ftehimiet ta' Akkwist Konġunt biex jiġu akkwistati kontromiżuri mediċi għal theddid transkonfinali serju għas-saħħa.

9. Il-Kunsill huwa impenjat bis-sħiħ li jżid l-isforzi globali biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, jiġu segwiti t-tranżizzjoni tal-enerġija sostenibbli, l-effiċjenza fl-enerġija u l-mobilità sostenibbli, u jiġu protetti l-bijodiversità u l-ambjent b'mod ġenerali. Il-kooperazzjoni mill-qrib kontinwa bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA, kif ukoll djalogu msaħħa ma' Andorra, Monaco u San Marino, dwar dawn il-kwistjonijiet huma importanti ħafna.
10. Il-Kunsill jinnota l-kooperazzjoni eċċellenti f'oqsma tal-azzjoni esterna tal-UE bħall-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK), l-għajnuna għall-iżvilupp, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u jenfasizza l-importanza ta' djalogu politiku mill-qrib u sistematiku. Il-Kunsill jesprimi l-apprezzament qawwi tiegħu għall-allinjament tal-eqreb sħab tiegħu tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex fl-UE mal-istrumenti u l-pożizzjonijiet tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE, l-aktar reċenti l-appoġġ qawwi għall-pożizzjonijiet tal-UE fil-livell multilaterali, u l-miżuri restrittivi imposti wara l-aggressjoni militari tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna mill-24 ta' Frar 2022 'l hawn. Il-Kunsill jistenna b'interess il-kontinwazzjoni ulterjuri ta' dan l-allinjament qawwi mad-dikjarazzjonijiet tal-PESK u l-miżuri restrittivi li huwa kruċjali għall-unità Ewropea u s-sigurtà globali.
11. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li titkompla u tissaħħa il-kooperazzjoni f'fora internazzjonali bejn l-UE u s-sħab tagħha tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex fl-UE biex ikomplu jsaħħu l-ordni dinji multilaterali u bbażat fuq ir-regoli u jaħdmu b'mod konġunt fuq kwistjonijiet ta' prijetà kondiviżi, inkluż id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-paċi u s-sigurtà, u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.
12. Minħabba l-prossimità ġeografika u politika tagħhom, l-UE u l-pajjiżi ġirien tagħha tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex fl-UE jiffaċċaw sfidi komuni ta' sigurtà u jiddependu minn xulxin f'dak li jirrigwarda l-iżgurar tal-istabbiltà nazzjonali u reġjonali. F'dan il-kuntest, nissottolinjaw l-importanza tas-sigurtà tal-enerġija kif ukoll il-kooperazzjoni u l-appoġġ reċiproku fil-qasam tas-sigurtà tal-provvisti tal-enerġija, li huwa eżempju partikolarment rilevanti tal-interdipendenza fiż-ŻEE. Il-Kunsill jilqa' bis-sħiħ il-kooperazzjoni tal-UE mal-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni u jħeġġeġ lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex jesploraw opportunitajiet f'dan ir-rigward ma' Andorra, Monaco u San Marino.

13. Il-Kunsill jieħu nota tal-azzjonijiet unilaterali minn xi partijiet u l-isfidi konsegwenti għall-ġestjoni konġunta tal-istokkijiet tal-ħut fl-Atlantiku tal-Grigal. Iż-żamma tal-benefiċċji ekonomiċi importanti li jagħtu dawn l-istokkijiet, u l-evitar ta' esplojtazzjoni żejda u t-tnaqqis sussegwenti tal-istokkijiet, jeħtieġu li b'mod urġenti jiġu maqbula reġimi ta' ġestjoni komprensivi u ġusti, li jinvolvu l-Partijiet kollha b'responsabbiltà għall-ġestjoni ta' dawn l-istokkijiet, fosthom in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Gżejjer Faeroe.

IR-REPUBBLIKA TAL-IŻLANDA

14. Il-Kunsill japprezza l-kooperazzjoni mill-qrib mal-Iżlanda, foqasma bħar-riċerka, l-innovazzjoni, l-enerġija, l-ambjent u l-politika dwar it-tibdil fil-klima, il-politika barranija, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u l-ġustizzja u l-affarijiet interni. Il-Kunsill jilqa' l-parteċipazzjoni b'suċċess tal-Iżlanda fl-isforz tal-UE għat-tilqim kontra l-COVID. Huwa lest li jintensifika din il-kooperazzjoni fl-oqasma kollha ta' interess reċiproku. L-Iżlanda hija sieħba importanti tal-istess fehma u affidabbli. L-UE tilqa' l-livell għoli ta' allinjament tal-Iżlanda mal-UE dwar il-PESK, kif ukoll il-kooperazzjoni mal-Iżlanda f'fora internazzjonali.
15. Il-Ftehim ŻEE jibqa' l-pedament tar-relazzjonijiet tagħna. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jixtieq ifaħħar lill-Iżlanda għall-isforzi tagħha biex iżżid l-enfasi fuq il-Ftehim ŻEE, inkluż bil-ħsieb li jitnaqqas id-defiċit ta' traspożizzjoni taż-ŻEE.
16. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni tajba mal-Iżlanda dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-iżviluppi tiegħu u jħeġġeġ lill-Iżlanda biex issaħħaħ il-parteċipazzjoni tagħha fl-implimentazzjoni tal-acquis dwar l-Ażil.

17. Il-politika l-ġdida tal-UE dwar l-Artiku li tiffoka fuq it-tibdil fil-klima, il-kwistjonijiet ambjentali, l-iżvilupp sostenibbli u l-kooperazzjoni internazzjonali turi l-interess qawwi tal-Unjoni li tibni fuq, u tiżviluppa aktar, l-impenn transsettorjali eżistenti tagħha fl-Artiku. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Iżlanda biex tippromwovi mal-UE din l-istrateġija, inkluż permezz ta' parteċipazzjoni ta' livell għoli f'fora rilevanti. L-Iżlanda hija sieħba mill-qrib u affidabbli dwar kwistjonijiet tal-Artiku u l-Kunsill jistenna b'interess li jintensifika din is-sħubija speċjali b'mod partikolari fl-oqsma tar-riċerka u x-xjenza, l-azzjoni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tat-tniġġis. Il-Kunsill ifaħħar il-presidenza tal-Iżlanda tal-Kunsill tal-Artiku fl-2019-2021, bit-tema ġenerali tagħha ta' żvilupp sostenibbli. Huwa jilqa' l-appoġġ qawwi kontinwu tal-Iżlanda biex l-UE tingħata status ta' osservatur fil-Kunsill tal-Artiku u għall-parteeipazzjoni tal-UE f'fora rilevanti bħall-Assemblea taċ-Ċirku Artiku.
18. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2018, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi tiegħu għaż-żamma tal-moratorju maqbul internazzjonalment fuq il-kaċċa kummerċjali għall-baleni, stabbilit fil-qafas tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Baleni (IWC) u għall-elencar ta' ċetaċji u speċijiet oħra tal-baħar skont il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet fil-Periklu (CITES). Filwaqt li jieħu nota sew tas-sinjali inkoraġġanti reċenti mill-Iżlanda f'dan ir-rigward, il-Kunsill itenni l-appelli tiegħu biex titbiegħed mill-kaċċa kummerċjali għall-baleni, biex jiġi rrispettat il-moratorju maqbul internazzjonalment dwar il-kaċċa kummerċjali tal-baleni stabbilit taħt l-IWC u biex tirtira r-riżervi tagħha taħt is-CITES għal dawn l-ispeċijiet u speċijiet oħra tal-baħar.
19. Il-Kunsill jilqa' l-wegħda tal-Iżlanda li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u jinkoraġġixxi l-progress lejn it-twettiq tal-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi. Fid-dawl tat-tranżizzjoni ekoloġika, l-UE tistenna b'interess it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Iżlanda u l-iskambju ta' għarfien espert dwar l-enerġija rinnovabbli u teknoloġiji sikuri u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluż l-idroġenu u l-qbid u ħżin tad-diossidu tal-karbonju. Il-Kunsill jinnota li l-Iżlanda nqasdet mal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan fis-26 Konferenza tal-Partijiet tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP26) f'Novembru 2021.

IL-PRINĊIPAT TAL-LIECHTENSTEIN

20. Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Liechtenstein huma tajba u dinamiċi ħafna, u komplew jintensifikaw u jiddiversifikaw mill-2018 'l hawn. Il-Kunsill japprezza l-kooperazzjoni eċċellenti kontinwa mal-Liechtenstein fl-oqsma koperti miż-ŻEE u l-Ftehimiet ta' Schengen/Dublin, kif ukoll f'oqsma oħra. Il-Kunsill jilqa' r-rati ta' traspożizzjoni għoljin u affidabbli tal-Liechtenstein fiż-ŻEE u japprezza b'mod partikolari l-isforzi mmirati biex jiġu indirizzati b'mod konġunt l-isfidi komuni, inkluż it-tranżizzjoni diġitali, it-tibdil fil-klima u l-irkupru ekonomiku ta' wara l-COVID-19. Huwa jqis utli li jiġu diskussi aktar l-aħjar prattiki mal-Liechtenstein f'oqsma ta' interess reċiproku, bħar-reġimi regulatorji tal-blockchain.
21. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni li qed tiżdied bejn l-UE u l-Liechtenstein fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni mill-2011 'l hawn, meta l-Liechtenstein ingħaqad maż-żona Schengen u beda jipparteċipa fis-sistema ta' Dublin. F'dak ir-rigward, il-Kunsill jinkoraġġixxi lil-Liechtenstein biex ikompli l-parteċipazzjoni tiegħu fil-proċess ta' rilokazzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil.
22. Il-Kunsill jistenna b'interess li jkompli japprofondixxi l-kooperazzjoni kostruttiva tal-UE mal-Liechtenstein f'fora internazzjonali, b'mod partikolari fi ħdan il-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE, b'mod partikolari f'oqsma bħad-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja kriminali internazzjonali, il-multilateraliżmu u l-involviment taż-żgħażaġh.
23. Il-Kunsill jilqa' l-impenn għall-Ftehim ta' Pariġi u l-għanijiet għan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050. Il-Kunsill jinnota li l-Liechtenstein ingħaqad mal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan fil-COP 26 f'Novembru 2021. L-approċċ ġenerali tal-Liechtenstein għas-sostenibbiltà huwa konformi sew mal-Patt Ekoloġiku tal-UE.

24. Il-Kunsill jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Liechtenstein fl-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa bħala "adottant bikri" tal-Istandard Komuni ta' Rappurtar, bi skambju ta' informazzjoni minn Settembru 2017. Dan ikkontribwixxa għall-bidliet globali enormi fit-trasparenza fiskali f'dawn l-aħħar snin.
25. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni kostruttiva, trasparenti u miftuħa mal-Liechtenstein, bil-għan li jiġi żgurat li jiġu applikati l-prinċipji u l-kriterji kollha tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi. F'dan ir-rigward, huwa jilqa' l-qafas legali stabbilit dwar it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni għal finijiet ta' taxxa, ikkonfermat mill-Forum Globali tal-OECD li huwa fil-biċċa l-kbira konformi mal-istandards tal-OECD għall-iskambju ta' informazzjoni fuq talba. F'Novembru 2021, il-Forum Globali kkonferma wkoll li l-qafas legali tal-Liechtenstein għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji huwa kompletament fis-seħħ.

IR-RENU TAN-NORVEĠJA

26. In-Norveġja hija sieħba mill-qrib, affidabbli u dejjiema tal-UE. L-UE u n-Norveġja jikkooperaw fl-indirizzar ta' ħafna sfidi komuni, bħat-tibdil fil-klima, it-tranżizzjoni ekoloġika, il-pandemija tal-COVID-19, il-migrazzjoni u l-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna. Matul dawn l-aħħar erba' snin, ir-relazzjoni inġenerali baqgħet eċċellenti. L-UE tifraħ lin-Norveġja għar-rwol kostruttiv tagħha fil-KSNU u d-dedikazzjoni tagħha għall-paċi u s-sigurtà.

27. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni b'saħħitha kontinwa man-Norveġja fl-oqsma tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) imsaħħa aktar mid-djalogu strutturat bejn l-UE u n-Norveġja dwar is-sigurtà u d-difiża mniedi f'Marzu 2021. Matul is-snin, in-Norveġja għamlet kontributi viżibbli għall-PSDK, inkluż il-parteċipazzjoni f'diversi missjonijiet immexxija mill-UE kif ukoll l-aktar reċentement fil-proġett PESCO "Mobilità Militari". Din is-sħubija mill-qrib fis-sigurtà u d-difiża ġiet riflessa wkoll fil-Boxxla Strateġika tal-UE, adottata f'Marzu 2022, b'objettiv ċar tal-UE li tapprofondixxi aktar din ir-relazzjoni. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-Norveġja hija bbażata fuq valuri kondiviżi, b'mod partikolari r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi, u testendi għall-medjazzjoni, il-bini tal-paċi u l-aġenda internazzjonali għall-iżvilupp.
28. L-UE u n-Norveġja jikkondividu sens qawwi ta' responsabbiltà lejn iċ-ċittadini tagħna, l-ambjent naturali tagħna u l-ġenerazzjonijiet futuri tagħna. Il-Kunsill jilqa' r-rieda ċara tan-Norveġja li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li tkompli tkun forza mexxejja għall-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-klima, u li taħdem biex tissodisfa l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi, flimkien mal-UE. Il-Kunsill jinnota li n-Norveġja ngħaqdet mal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan fil-COP 26 f'Novembru 2021. Il-Kunsill jieħu nota wkoll tal-objettivi tal-gvern Norveġiż fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari.
29. In-Norveġja tibqa' fornitur ewlieni affidabbli taż-żejt u l-gass għall-UE, iżda hija wkoll sieħba mill-qrib fl-iżvilupp ta' sorsi oħra tal-enerġija. Il-kooperazzjoni mill-qrib tagħna tibqa' kruċjali għas-sigurtà tal-enerġija tal-UE u għall-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u hija pedament għar-relazzjoni ta' benefiċċju reċiproku bejn l-UE u n-Norveġja, speċjalment fis-sitwazzjoni ġeopolitika attwali kkawżata mill-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna.

30. Il-Kunsill jilqa' l-Istrateġija dwar l-Artiku tan-Norveġja tal-2020, li tistabbilixxi l-viżjoni tan-Norveġja għal Tramuntana ta' Fuq paċifika, innovattiva u sostenibbli, ibbażata fuq istituzzjonijiet reġjonali. B'mod partikolari, il-Kunsill jilqa' l-appoġġ kontinwu tan-Norveġja għall-involviment tal-UE fl-Artiku, inkluż fil-kuntest tal-Forum Artiku tal-Partijiet Interessati, u biex l-UE ssir osservatur fil-Kunsill tal-Artiku. L-UE u n-Norveġja huma wkoll sħab ewlenin fl-indirizzar tal-kwistjonijiet relatati mal-oċean, kemm fil-livell globali kif ukoll f'dak reġjonali.
31. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tan-Norveġja bħala waħda mis-sħab kummerċjali prinċipali tal-UE, u jfakkar fir-rieżami regolari mistenni tal-Ftehim bejn in-Norveġja u l-UE li jimmira lejn l-iskambju ta' preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli bażiċi. Il-Kunsill jiddispijaċih dwar in-nuqqas ta' progress u jtenni bis-sħiħ l-istedina tiegħu lin-Norveġja biex, bħala prijorità u mingħajr dewmien, tinvolvi ruħha b'mod attiv fi proċess ta' negozjar kostruttiv dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fi prodotti agrikoli proċessati fi ħdan il-qafas tal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 6 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim ŻEE. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu biex terġa' tibda n-negozjati dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, li huwa element importanti tal-kummerċ internazzjonali fi prodotti agrikoli u prodotti alimentari.
32. B'reazzjoni għall-isfidi għall-ġestjoni konġunta tal-istokkijiet tal-ħut fl-Atlantiku tal-Grigal, il-Kunsill itenni r-rieda tiegħu li jilħaq arranġamenti bilaterali u multilaterali li jiżguraw ġestjoni responsabbli u sostenibbli tas-sajd fuq riżorsi ewlenin. Il-Kunsill jesprimi wkoll it-tħassib tiegħu dwar id-deċiżjoni unilaterali rigward il-projbizzjoni ppjanata tax-xibka tat-tkarkir bi travu mill-1 ta' Ottubru.

33. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi tiegħu għaż-żamma tal-moratorju maqbul internazzjonalment fuq il-kaċċa kummerċjali għall-balieni, stabbilit fil-qafas tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Kaċċa għall-Balieni (IWC) u għall-elenkar ta' ċetaċċi u speċijiet oħra tal-baħar skont il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet fil-Periklu (CITES). Għaldaqstant huwa jħeġġeġ lin-Norveġja biex tieqaf toħroġ kwoti tal-balieni, biex tirrispetta bis-sħiħ il-moratorju maqbul internazzjonalment fuq il-kaċċa kummerċjali għall-balieni stabbilit fil-qafas tal-IWC u biex tirtira r-riżervi tagħha fil-qafas tas-CITES għal dawn l-ispeċijiet u speċijiet oħra tal-baħar.

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

34. Il-Kunsill jinnota li l-Ftehim ŻEE kompla jiffunzjona b'mod sodisfaċenti minkejja l-isfidi ppreżentati mill-pandemija tal-COVID-19. Il-Kunsill jilqa' l-inkorporazzjoni ta' xi biċċiet ta' leġislazzjoni importanti ħafna fil-Ftehim ŻEE matul l-aħħar erba' snin, bħad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk, it-Tielet u r-Raba' Pakkett Ferrovjarju, l-atti li jistabbilixxu l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-leġislazzjoni dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, ir-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq, kif ukoll id-Direttiva dwar l-Iskart. Il-Kunsill jappella għal aktar sforzi bil-ħsieb tal-implimentazzjoni rapida tal-leġislazzjoni pendenti, bħall-Pakkett dwar l-Ispezzjoni tal-Bastimenti, id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, il-leġislazzjoni fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni, u fil-qasam tal-enerġija.
35. Minkejja l-isforzi kollha, l-għadd ta' atti tal-UE li qed jistennaw l-inkorporazzjoni fil-Ftehim ŻEE, l-hekk imsejjaħ xogħol b'lura, għadu għoli. F'dan ir-rigward, il-Kunsill itenni li l-prinċipji ta' omoġeneità u ta' ċertezza legali jiggwarantixxu l-effiċjenza, is-sostenibbiltà u fuq kollox il-kredibilità tas-Suq Intern u għalhekk għandhom ikomplu jiggwidaw il-partijiet kollha fir-rigward tal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE.

36. Il-Kunsill jilqa' l-kontribut mingħajr kondizzjoni tal-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja għat-tnaqqis tad-disparitajiet soċjali u ekonomiċi u fl-appoġġ ta' soċjetà ċivili ħielsa u vibranti fiż-ŻEE għall-perjodu 2014-2021, permezz tal-Mekkaniżmi Finanzjarji taż-ŻEE u tan-Norveġja, bil-ħsieb tal-benefiċċji tal-Istati taż-ŻEE-EFTA mill-aċċess għas-Suq Intern. Dan il-kontribut hu ta' benefiċċju għaż-ŻEE kollha. Il-Kunsill jittama li jintlaħaq ftehim malajr dwar il-Mekkaniżmi Finanzjarji għall-perjodu 2021-2027 fid-dawl ta' għoti f'waqtu tal-kontribuzzjoni lill-Istati Membri Benefiċjarji kollha.
37. Il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Artikolu 19 tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li l-Partijiet Kontraenti għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom għall-kisba ta' liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ fi prodotti agrikoli u, għal dan il-għan, f'intervalli ta' sentejn, għandhom iwettqu reviżjonijiet tal-kondizzjonijiet tal-kummerċ fi prodotti agrikoli, bil-ħsieb li jiġu esplorati konċessjonijiet possibbli.
38. Fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġi salvagwardat il-Ftehim ŻEE, tiġi żgurata l-kontinwazzjoni ta' ŻEE omoġenja u li taħdem sew, u li tiġi ppreservata l-integrità tas-Suq Intern. Id-djalogu mill-qrib u l-iskambju kontinwu ta' informazzjoni stabbiliti bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE EFTA dwar il-ħruġ tar-Renju Unit ikkontribwixxew għall-adattament bla xkiel.
39. L-UE u l-Istati taż-ŻEE EFTA kkonfermaw l-appoġġ tagħhom għall-Ftehim ŻEE f'ħafna okkażjonijiet. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon il-fokus miżjud fuq is-sensibilizzazzjoni pubblika u fuq sforzi ta' komunikazzjoni, biex tiżdied il-kuxjenza tal-importanza tal-Ftehim ŻEE fl-avvanz tal-integrazzjoni ekonomika bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE u tal-EFTA u fis-salvagwardja tal-interessi komuni tagħna.

IL-PRINĊIPAT TA' ANDORRA, IL-PRINĊIPAT TA' MONACO U R-REPUBBLIKA TA' SAN MARINO

40. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li, matul l-aħħar erba' snin, ir-relazzjonijiet tajbin ħafna bejn l-UE u Andorra, Monaco u San Marino komplew jintensifikaw.
41. Il-Kunsill jilqa' l-progress fin-negozjati mnedija f'Marzu 2015 bil-ħsieb li jiġi konkluż Ftehim ta' Assoċjazzjoni wieħed jew aktar (il- "Ftehim") u jinnota b'sodisfazzjon li issa huma mistennija jidħlu f'fażi deċiżiva. Huwa jistenna b'interess aktar progress sostanzjali, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet politikament sensittivi, bl-oġettiv li jiġu ffinalizzati d-diskussjonijiet dwar il-Ftehim sa tmien l-2023.
42. Il-Ftehim jipprevedi l-parteciċipazzjoni ta' Andorra, Monaco u San Marino fis-suq intern tal-UE, u għall-kooperazzjoni mal-UE f'oqsma oħra ta' politika. Il-Kunsill jenfasizza li l-livell għoli ta' integrazzjoni mat-tliet sħab previst mill-Ftehim futur għandu jkun ibbażat, fost l-oħrajn, fuq interessi reċiproċi u valuri kondiviżi, l-erba' libertajiet tas-suq intern u politiki orizzontali u ta' appoġġ relatati, l-istabbiliment ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa u l-allinjament mal-*acquis*, b'mod partikolari fis-settur finanzjarju, kif ukoll pedamenti istituzzjonali b'saħħithom u reżiljenti. Il-Kunsill itenni li l-Ftehim futur għandu jkun ibbażat fuq iż-żamma tal-funzjonament tajjeb u l-omoġeneità tas-suq intern u ċ-ċertezza legali, filwaqt li simultanjament jittieħed kont tal-ispeċifikitajiet ta' kull pajjiż u s-sitwazzjonijiet partikolari tagħhom, f'konformità mad-Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

43. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar dwar il-parti komuni tal-Ftehim, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi stabbilit qafas istituzzjonali koerenti, effiċjenti u effettiv. Dan għandu jinkludi b'mod partikolari mekkaniżmi istituzzjonali għall-konsultazzjoni bejn il-partijiet biex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb u l-implimentazzjoni korretta tal-Ftehim, tiġi żgurata l-adozzjoni dinamika tal-acquis tal-UE mit-tliet pajjiżi, tiġi prevista l-applikazzjoni uniformi u l-interpretazzjoni konsistenti tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim u jiġi inkluż mekkaniżmu ġust, effettiv u effiċjenti għas-soluzzjoni tat-tilwim.
44. Il-Kunsill jilqa' l-progress ġenerali li sar fin-negozjati dwar l-allinjament mal-acquis rilevanti minn Andorra, Monaco u San Marino. Huwa jinnotta b'sodisfazzjon it-tisħiħ tal-kapaċità u l-kooperazzjoni amministrattiva tat-tliet sħab mal-Istati Membri, li għandhom jitkomplew ulterjorment biex jiġi żgurat allinjament rapidu mal-acquis matul u wara n-negozjati, kif ukoll superviżjoni u infurzar robusti f'konformità mal-istandards tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex taħdem fil-ħin fuq modi possibbli 'l quddiem għas-superviżjoni tas-servizzi finanzjarji bil-ħsieb ta' soluzzjoni sodisfaċenti għall-partijiet kollha.
45. L-UE hija impenjata bħala prijorità li tħaffef il-pass tan-negozjati u li tindirizza malajr kwistjonijiet politikament sensittivi relatati mal-erba' libertajiet sabiex timxi lejn il-finalizzazzjoni tan-negozjati, li preferibbilment jistgħu jirriżultaw fi ftehim uniku bi tliet protokollu u annessi relatati mal-pajjiż dwar l-acquis, sa tmiem l-2023. Hija thegħeġ lill-partijiet kollha biex ikomplu l-isforzi tagħhom b'mod attiv f'din id-direzzjoni. L-istabbiliment ta' pjan direzzjonali li jwassal għall-2023 huwa pass neċessarju f'dan ir-rigward.

46. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li nstabet soluzzjoni reċiprokament sodisfaċenti dwar perjodu ta' tranżizzjoni għas-settur tat-tabakk f'Andorra. Huwa jenfasizza l-hteġa li jsiru diskussjonijiet malajr dwar il-kwistjonijiet politiċi l-oħra mat-tliet sħab. Huwa jissottolinja li l-eċċezzjonijiet għar-regoli tas-suq uniku għandhom ikunu ġustifikati u proporzjonati fil-kamp ta' applikazzjoni u t-tul ta' żmien. Huwa jfakkar fl-importanza li jiġi rispettati il-prinċipju tal-moviment liberu tal-persuni fis-Suq Uniku u li l-leġislazzjoni u l-prattiki tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali ta' Andorra, Monaco u San Marino jiġu adattati għall-istandards tal-UE u dawk internazzjonali. Is-sħubija fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol tikkontribwixxi wkoll għall-adattament ta' din il-leġislazzjoni.
47. Il-Kunsill jinnota l-isforzi ta' komunikazzjoni li saru minn Andorra, Monaco u San Marino dwar il-Ftehim, b'mod partikolari l-azzjonijiet meħuda mill-gvern ta' Andorra biex jinforma u jikkonsulta lill-pubbliku dwar l-eżitu tan-negozjati, u jhegħġiġhom kollha biex ikomplu b'dawn l-isforzi bħala fattur importanti għas-suċċess ta' dawn in-negozjati f'din l-aħħar fażi.
48. Dwar il-politika barranija, il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa ma' dawn is-sħab tal-istess fehma f'fora multilaterali b'mod partikolari fil-qafas tan-NU, inkluż permezz ta' kuntatti mill-qrib u allinjament mal-pożizzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-UE u l-implimentazzjoni ta' miżuri li jirriflettu l-miżuri restrittivi tal-UE, enfasizzati b'mod partikolari b'rispons għall-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill jappoġġa tisħiħ ulterjuri tal-kooperazzjoni permezz tal-istabbiliment ta' qafas għal djalogi politiċi bilaterali dwar il-politika barranija ma' kull wieħed mill-pajjiżi u proċess strutturat u sistematiku għall-allinjament tagħhom mal-UE dwar kwistjonijiet tal-PESK. Il-kooperazzjoni għandha tiġi kkonsolidata u msaħħa aktar, b'mod partikolari billi Andorra, Monaco u San Marino jiġu inklużi fil-grupp ta' pajjiżi li huma sistematikament mistiedna jallinjaw formalment mad-Dikjarazzjonijiet tal-PESK mir-Rappreżentant Għoli fisem l-UE u l-miżuri restrittivi tal-UE.

49. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni kostruttiva, trasparenti u miftuħa ma' Andorra, Monaco u San Marino bil-għan li jiġi żgurat li jiġu applikati l-prinċipji internazzjonali dwar il-governanza tajba u l-kriterji kollha tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-isforzi li qed jagħmlu Andorra, Monaco u San Marino biex jadattaw il-leġiżlazzjoni u l-prattiki tagħhom fil-qasam tat-taxxa għall-istandards tal-UE u dawk internazzjonali. Huwa jissottolinja l-ħtieġa għal allinjament sħiħ mal-istandards tal-UE biex jiġi evitat il-ħolqien ta' lakuni fis-Suq Uniku.
50. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li Andorra nqasdet mal-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa (CEB) fl-2020, li wassal għal żewġ selfiet mis-CEB, u kkontribwixxa għall-oġettiv ta' Andorra li tiddiversifika l-ekonomija tagħha fil-perjodu medju u fit-tul. It-talba ta' Andorra biex tiġi kkunsidrata mill-Bank Ewropew tal-Investment bħala pajjiż operattiv qed tiġi kkunsidrata wkoll u huwa mistenni rispons dalwaqt.
51. Il-Kunsill iqis ukoll li jkun utli li l-kooperazzjoni tissaħħaħ fil-qasam tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, peress li dawn huma prijoritajiet komuni ma' Andorra, Monaco u San Marino. Fir-rigward tal-protezzjoni tal-oċeani, il-Kunsill ifaħħar il-parteċipazzjoni ta' Monaco fil-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Kbira dwar il-Bijodiversità lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali. Il-Kunsill jilqa' l-inklużjoni ta' San Marino fl-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku (EUSAIR) u jistenna b'interess kooperazzjoni msaħħa f'dak il-qafas.
52. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati kollha biex iwettqu aktar sensibilizzazzjoni pubblika sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar ir-rwol ewlieni potenzjali reċiproku tar-relazzjoni fil-kisba ta' konverġenza akbar tal-pożizzjonijiet dwar organizzazzjonijiet internazzjonali, it-trawwim tad-diversifikazzjoni ekonomika u l-avvanz tal-integrazzjoni ekonomika bejn l-UE u Andorra, Monaco u San Marino.

IL-GŻEJGER FAEROE

53. Il-Kunsill iqis li l-pożizzjoni strateġika tal-Gżejjer Faeroe fl-Atlantiku tat-Tramuntana tfisser li l-Gżejjer Faeroe huma sieħeb importanti tal-UE fir-rigward ta' diversi politiki tal-UE, inkluż fir-rigward tal-Politika tal-UE dwar l-Artiku. Il-Kunsill japprezza l-kooperazzjoni eżistenti mal-Gżejjer Faeroe f'oqsma bħall-kummerċ, l-akkwakultura, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kwistjonijiet tal-Artiku u tal-Atlantiku tat-Tramuntana fi ħdan l-oqsma ta' kompetenzi tal-Partijiet.
54. Il-Kunsill jilqa' l-iffirmar tal-Ftehim dwar il-parteciċipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fil-programmi tal-UE u dwar l-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont Ewropa. Il-Kunsill jenfasizza t-tranżizzjoni ekoloġika fil-Gżejjer Faeroe u l-proġetti għall-iżvilupp ta' enerġiji sostenibbli u jilqa' aktar kooperazzjoni mal-UE f'dan il-qasam.
-